**PRESS RELEASE**
**30.7.2010**

## Diskussjoni dwar il-pensjonijiet fi ħdan il-Core Group tal-MEUSAC

Il-*Core Group* tal-MEUSAC illum iddiskuta l-Green Paper tal-Kummissjoni Ewropea dwar Pensjonijiet adegwati, sostenibbli u siguri li ħarġet fis-7 ta' Lulju li għadda. Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Impjiegi u l-Familja Dolores Cristina, fetħet id-diskussjoni billi semmiet il-ħidma tal-Gvern Malti fil-qasam tal-pensjonijiet u spjegat kif fis-snin li għaddew Malta bdiet ir-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet u għamlet dan b'mod gradwali wara konsultazzjoni serja ma' dawk kollha kkonċernati.

Waqt din ir-riforma, il-Gvern dejjem saħaq fuq riforma adegwata u sigura. Għaldaqstant, il-Gvern Malti laqa' b'mod pożittiv il-Green Paper tal-Kummissjoni Ewropea li tħares ukoll lejn sistemi ta' pensjonijiet adegwati, sostenibbli u siguri.

Il-Ministru Cristina fissret il-Green Paper bħala dokument b'mistoqsijiet u linji gwida għad-diskussjoni u ma tipproponix sistema ta' *'one size fits all'* għall-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea kollha, iżda tħalli f'idejn l-Istati Membri biex jieħdu d-deċiżjonijiet relevanti għal pajjiżhom.

Id-Direttur Ġenerali fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali Joe Camilleri, u Godwin Mifsud, mill-Ministeru għall-Ekonomija, il-Finanzi u l-Investiment, għamlu preżentazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tal-pensjonijiet Ewropea u dik Maltija. Il-preżentazzjoni ffukat fuq it-tliet temi prinċipali li titkellem dwarhom il-Green Paper: x'għandu jkun ir-rwol tal-Unjoni Ewropea biex jinstab bilanċ bejn iż-żmien li persuni jqattgħu fuq ix-xogħol u dak li jqattgħu rtirati; it-tneħħija ta' ostakli għall-mobilità tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni Ewropea; u pensjonijiet iktar siguri.

Fost il-punti li tqajmu mill-membri, kien hemm il-mistoqsija dwar kif tista' tiġi mkejla pensjoni adegwata, kif ukoll kumment dwar kif jistgħu jiġu mneħħija iktar ostakli għall-impjegabilità f'Malta. Iċ-Chairperson tal-*Pensions Working Group* David Spiteri Gingell qal li skont il-Bank Dinji, pensjoni adegwata hija dik ta' 40% tal-paga medja. Hu saħaq fuq il-ħtieġa li tiżdied ir-rata ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol.

Intant, fi tmiem il-laqgħa tal-*Core Group* ingħata wkoll aġġornament dwar l-implimetazzjoni tad-Direttiva li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali. Waqt preżentazzjoni mogħtija mis-Sur Kevin Mercieca, Manager fi ħdan il-MEPA, ġie spjegat kif f'Jannar 2010, ġie aġġudikat it-tender biex tiġi implimentata din id-direttiva, bil-proġett mistenni li jdum għaddej tnax il-xahar u għaldaqstant, ir-riżultati għandhom jintlaħqu sat-tieni kwart tal-2011.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika Chris Said.